FIT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D.
SEDUTA TA' NHAR IL-HAMIS, 19 TA' DICEMBRU, 1996

Avviz Nru.452/96

Grech's Limited

vs

Albano u Lorraine konjugi Grima

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Settembru, 1996, fejn intalab il-hlas ta' disa' u erbghin Lira Maltija (Lm49), liema somma tirrapprezenta merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-istess konjugi Grima; u

li dawn gew kemm il-darba interpellati jhallsu bonarjament u anke ufficjalment, izda huma baqghu inadempjenti;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri bonarji datati 12 t'Ottubru, 1995, 1 ta' Dicembru, 1995, 5 ta' Frar, 1996, u tal-ittra ufficjali datata 20 ta' Mejju, 1996, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti;

Ra li l-konvenuti debitament notifikati baqghu ma dehrux u lanqas ma pprezentaw risposta fir-rigward;

Ra n-nota tas-socjeta' attrici pprezentata fis-16 ta' Dicembru, 1996, li permezz taghha t-talba giet ridotta ghal Lm32 minn Lm49, stante pagament in parte;

Semgha lil Dr Chris Borg ghas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont gie ridott bi sbatax il-Lira (Lm17), pero' ghadu ma thallasx il-bilanc;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Peress li jirrizulta li l-ammont bilancjali ta' Tnejn u tletin Lira Maltija (Lm32), ghadu dovut, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif ridotta, u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' Tnejn u tletin Lira Maltija (Lm32), bl-imghaxijiet mill-20 ta' Mejju, 1996, u l-ispejjez tal-ittri bonarji datati 12 t'Ottubru,

1995, 1 ta' Dicembru, 1995, 5 ta' Frar, 1996, u tal-ittra ufficjali tal-2Ø ta' Mejju, 1996;

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

Dr. Joseph Refalo LL.D.
Gudikatur.

Vera kopja fotostatika
Dep. Reg.